**4 ta' Novembru, 1987**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Alfred Gatt bħala rappresentant tas-soċjetà *Galdes & Mamo Limited,* u dina bħala aġenti tas-soċjetà assikuratriċi estera *Royal Insurance Company Limited* issurrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat tagħha s-soċjetà *Kayson Limited*

*versus*

Paul Mifsud u Norman Mifsud bħala diretturi u in rappresentanza tas-soċjetà *Mifsud Brothers Limited* u dina bħala aġenti tas-soċjetà *Gilnavi Spa* armaturi tal-vapur *Emadala* u Godwin Abela u John Cavallo għan-nom u in rappresentanza tas-soċjetà *"The Cargo Handling Co. Limited"*

**Danni – Merkanzija – Nuqqasijiet fi**

*L-attur assikuratur issurrogat fittex għal nuqqasijiet allegati fil-merkanzija ta' l-assikurat tiegħu.*

*Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet it-talbiet attriċi għaliex sabet illi s-soċjetà attriċi ma kinitx għamlet prova ta' l-allegazzjonijiet tad-danni tagħha.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta illi

s-soċjetà *Kayson Limited* importat ġewwa Malta sebgħa u erbgħin (47) kaxex ta' *"Plastic Wall Placques"* u "plastic wall frames" fuq il-vapur *Emadala;* kif jirriżulta mill-polza tal-kariku (Dok. A); u peress li meta din il-merkanzija ġiet ikkonsenjata lill-importatur tnax (12) minn dawn il-kaxex instabu ikkraxxjati u bil-kontenut neqsin kif ġie deskritt fil-*Lloyds Survey Report* anness (Dok. B); u peress li għalhekk is-soċjetà attriċi fil-kwalità indikata, kif kienet obbligata, ħallset lill-istess importatur is-somma ta' mija u sbatax-il lira u disgħa u erbgħin ċenteżmu (Lm117.49) bħala kumpens għal dan in-nuqqas, danni u għall-ispejjeż tas-*survey,* u għalhekk ġiet issurrogata fid-drittijiet ta' l-importatur (Dok. Ċ); U peress li l-konvenut *nomine,* jew min minnhom huwa responsabbli għan-nuqqas ta' danni u spejjeż fuq indikati;

L-isttess attur *nomine* talab li l-konvenuti *nomine* jew min minnhom għar-raġunijiet premessi: 1) jiġu ddikjarati responsabbli għan-nuqqas, danni u spejjeż fuq indikati, u 2) jiġu kkundannati jħallsu l-attur *nomine* s-somma ta' Lm117.49, u bl-interessi skond il-liġi mid-data tal-pagament in rifużjoni tal-pagament magħmula mill-attur *nomine* fiċ-ċirkostanzi u minħabba l-obbligi hawn fuq prèmessi. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti *nomine;*

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti Paul Mifsud u Norman Mifsud *nomine* li biha eċċepew:

1) illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt għaliex il-merkanzija nġarret ġewwa *container* issiġġillat, kif jidher mid-dokumenti hawn annessi mmarkati "X" u "Y";

2) illi skond il-polza tal-kariku, ir-responsabbilità ta' l-

armatur hija limitata għal ċertu perijodu biss, f'liema perijodu l-merkanzija kienet ġewwa *container* issiġġillta;

3) illi s-soċjetà konvenut m'għandha ebda responsabbilità l-għaliex id-dettalji tal-merkanzija kienu ddikjarati mill-konsenjaturi u l-armatur mhux responsabbli għal xi eventwali nuqqas;

4) illi l-polza tal-kariku hija waħda *"clean on board"*;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti Godwin Abela u John Cavallo *nomine* li biha eċċepew li t-talbiet attriċi in kwantu diretti kontra s-soċjetà *"The Cargo Handling Co. Limited"*, huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż *stante* illi s-soċjetà *The Cargo Handling Co. Limited*, ikkonsenjat il-merkanzija fl-istess ammont u stat illi rċevietha – salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-digriet li bih ġie nnominat bħala Perit Legali l-Avukat Dr. Francis Zammit Dimech LL.D., biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tat-talba attriċi wara li jieħu konjizzjoni ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, u jagħmel l-osservazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-każ;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fit-28 ta' Novembru, 1984 li biha ddeċidiet il-kawża billi:

1) ċaħdet it-talbiet ta' l-attur kwantu dawn jinsabu diretti kontra l-konvenuti Godwin Abela u John Cavallo *nomine* – bl-ispejjeż ta' dawn il-konvenuti sopportabbli mill-attur nomine u 2) laqgħet it-talbiet ta' l-attur fil-konfront tal-konvenuti Paul

Mifsud u Norman Mifsud *nomine* limitatament għall-ħsara f'żewġ kartuniet u l-ispejjeż tas-*Survey Report,* u għalhekk ikkundannat lil dawn il-konvenuti li jħallsu lill-attur *nomine* s-somma fuq imsemmija ta' Lm35 bl-interessi mitluba. L-ispejjeż rimanenti tal-kawża jitħallsu kwantu għal sest (1/6) mill-istess konvenuti u kwant għal (5/6) mill-attur *nomine* u dan wara li kkunsidrat:

Illi l-Perit fuq indikat wara li nvestiga l-kwistjonijiet ta' fatt u ta' dritt involuta fil-kawża, wasal għall-konklużjonijiet li:

1) l-attur sofra d-danni rreklamati fil-merkanzija in kwistjoni (li però waslet Malta fuq il-Vapur *Nashala* u mhux fuq il-vapur indikat fiċ-ċitazzjoni);

2) l-attur ipprova limitatament għal żewġ (2) kartunijiet li dawn sofrew ħsarat (nuqqasijiet fil-perijodu li għalihom kien responsabbli l-konvenut Paul Mifsud *et nomine* u li dan ma ġabx provi suffiċjenti biex jiskolpa ruħu);

3) l-attur ma rnexxilux jipprova sodisfaċentement l-ebda responsabbilità għar-rigward tad-danni l-oħra li sofra fil-konfront tal-konvenuti Godwin Abela *et nomine;*

4) li d-danni li għalihom huma responsabbli l-konvenuti Paul Mifsud *et nomine* jistgħu jiġu llikwidati fis-somma ta' ħamsa u tletin lira (Lm35);

Illi minn eżami akkurat tal-provi miġbura jidher li l-istess Perit għamel apprezzament tajjeb u ġust tal-provi li ressqu l-kontendenti u applika korrettement il-prinċipji ta' dritt li jirregolaw il-każ. Għalhekk, il-Qorti tagħmel tagħha l-

konklużjonijiet peritali u dan għar-raġunijiet indikati fl-istess relazzjoni li qegħdin jiġu addottati;

Rat in-Nota ta' l-Appell tal-konvenut Paul Mifsud *et nomine* ppreżentata fis-6 ta' Diċembru, 1984;

Rat il-Petizzjoni ta' l-appell tal-konvenut Paul Mifsud *et nomine* ppreżentata fil-21 ta' Diċembru, 1984 li biha talbu umilment li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha għar-raġunijiet fuq imsemmija, tirrevoka s-sentenza appellata tat-28 ta' Novembru, 1984, mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ u tirrespinġi t-talbiet ta' l-attur *nomine*. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur *nomine;*

Rat l-atti l-oħra kollha rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok għal din il-kawża huma s-segwenti. Is-soċjetà *Kaysons Ltd.* kienet impurtat f'Malta 47 kaxxa ta' "*Plastic Wall Placques*" u "*Platic Wall Frames*" mal-vapur "*Mashala*". Ir-riċevitur allega li 12 minn dawn il-kaxex kienu nstabu mgħaffġa u bil-kontenut nieqes. Is-soċjetà attriċi li kienet assikurat il-merkanzija, kif kienet obbligat tagħmel, ħallset lill-assikurat tagħha s-somma ta' Lm117.49, għan-nieqes u għall-ħsara li kien irriżultalha minn *Survey* u ġiet issurrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat tagħha. In segwitu għamlet il-kawża odjerna kontra l-konvenuti Paul Mifsud u Norman Mifsud *nomine* bħala aġenti ta' l-armaturi u kontra "*The Cargo Handling Co. Ltd.*" biex il-Qorti tiddeċidi min minnhom kien

responsabbli għall-imsemmi nuqqas u ħsara u tikkundannah jirrifondilha dak li kienet sburżat;

Illi l-ewwel Qorti ċaħdet it-talba inkwantu diretta kontra *"The Cargo Handling Co. Ltd."*, u laqgħet it-talba kontra Paul Mifsud u Norman Mifsud *nomine* limitatament għall-ħsara f'żewġ kartuniet u dana wara li abbraċċjat is-sottomissjonijiet lilha magħmulha mill-perit legali. L-imsemmija Paul Mifsud u Norman Mifsud *nomine* issa qed jappellaw mill-imsemmija sentenza. L-appell għalhekk huwa limitat għall-imsemmija żewġ kartuniet. Jista' jiżdied li ma sar l-ebda appell in kwantu s-sentenza appellata ċaħdet it-talba kontra *The Cargo Handling Co. Ltd.;*

Ikkunsidrat:

Illi minn eżami tal-perizja li fuqha bbażat ruħha l-ewwel Qorti jidher li l-perit legali wasal għall-konklużjoni li l-appellanti kellhom jirrifondu l-ħsara ta' żewġ kartuniet a bażi tad-Dok. Y (fol. 16) li skond hu (para. 11 tar-relazzjoni), fil-waqt li jikkonferma s-siġilli jindika wkoll li t-tnejn mill-kartuniet niżlu danneġġjati. Dan id-Dok. Y ġie esebit mix-xhud Mario Tellus, *Shipping clerk* ma' l-appellanti u skond l-istess xhud, jirrappreżenta kopja vera ta' *Tally Sheet* ta' *container* fejn kien hemm il-merkanzija in kwistjoni, ċjoè ta' meta dan il-*container* infetaħ fil-presenza tar-rappresentant tal-*Cargo Handling Co. Ltd.;*

Illi minn eżami ta' l-istess Dok. Y (fol. 16) jidher ċar li l-kliem *"of which 2 ctns landed dged"* qegħdin jirriferixxu mingħajr ebda distinzjoni mhux biss għall-kartuniet importati mill-assikurat tas-soċjetà attriċi iżda wkoll għall-kartuniet

*importati* minn ditta oħra jisimha *"Balaji"*. Ma jistax jingħad għalhekk li *l-kliem li* bihom issemmew iż-żewġ kartuniet danneġġjati kienu qegħdin jirreferixxu lill-kartuniet ta' l-assikurat tas-soċjetà attriċi. Dawk il-kliem tiegħu kienu qegħdin jirriferu wkoll għad-ditta *Balaji;*

Illi f'dan l-istat ta' provi ma jistax jingħad li s-soċjetà attriċi rnexxielha tipprova (kif inhu obbligu tagħha li tipprova) li kien hemm ħsara f'żewġ kartuniet appartenenti lill-assikurat tagħha u inqas li din il-ħsara ġiet ikkaġonata mill-appellanti;

Illi in sostenn ta' dak li ntqal fil-paragrafu preċedenti wieħed irid ukoll jikkunsidra x-xiehda ta' Karmenu Zammit li jidher li kien il-burdnar tar-riċevitur ossija l-assikurat f'dan il-każ. Jidher mill-provi li l-merkanzija kienet ġiet rilaxxjata lilu mid-Dwana u li kien hu li ġarrha minn hemm sal-maħżen tar-riċevitur. Huwa xehed li ma jafx jaqra però *xorta jaf xi jkun* fih il-*"Gate Pass Out"*, għaliex huwa jiċċekkja l-merkanzija u jekk ikun hemm in-nieqes jew ħsara, huwa jitlob lill-uffiċjal inkarikat inizzel xi jkun sab u dan jagħmel hekk. Kif xehed l-istess Zammit: "Jien ninduna u ninforma mill-ewwel lill-uffiċjali tad-Dwana biex inizzilha fil-*"Gate Pass Out"*. Fil-*"Gate Pass Out"* relattiva għall-partita in kwistjoni (Dok. H – fol. 44) ma hemm xejn imnizzel dwar nuqqas jew ħsarat. Din iċ-ċirkostanza tkompli tikkonferma lill-Qorti fil-konklużjoni tagħha, li s-soċjetà attriċi ma rnexxilhiex tipprova sodisfaċentement li ż-żewġ kartuniet danneġġjati skond id-Dok. Y (fol. 16) fil-fatt huma parti *mill-merkanzija riċevuta mill-assikurat tagħha u mhux parti mill-*merkanzija riċevuta mid-ditta l-oħra *Balaji;*

Illi in vista ta' dak kollu li ngħad fuq, il-Qorti hi tal-fehma li l-appell jistħoqqlu li jiġi milqugħ;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċidi billi tilqa' l-appell tal-konvenuti Paul Mifsud u Norman Mifsud *nomine*, tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu laqgħet it-talbiet ta' l-attur *nomine* fil-konfront ta' l-istess konvenuti *nomine* limitatament għall-ħsara f'żewġ kartuniet u l-ispejjeż tas-*survey report* u għalhekk ikkundannathom iħallsu lill-attur *nomine* s-somma ta' Lm35 bl-interessi mitluba u in kwantu ddeċidiet li l-ispejjeż rimanenti tal-kawża jitħallsu kwantu għal sest (1/6) mill-istess konvenuti *nomine* u kwantu għal (5/6) mill-attur *nomine* billi minflok tiċħad ukoll it-talbiet attriċi "*in toto*" in kwantu diretti kontra l-konvenuti appellanti *nomine* u dana bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur *nomine* u fl-aħħarnett tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu ċaħdet bl-ispejjeż it-talbiet ta' l-attur in kwantu diretti kontra l-konvenuti Abela u Cavallo *nomine*.